# BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

## DEĊIŻJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

**tas-16 ta' Settembru 2014**

**dwar l-estensjoni ta' ċerti skadenzi stabbiliti mir-Rakkomandazzjoni BERS/2012/2 dwar il-finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu**

**(BERS/2014/4)**

(2015/C 22/04)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(b), (f) u (g), l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 17 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 19 u 20 tagħha,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Diċembru 2012, il-Bord Ġenerali tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) adotta Rakkomandazzjoni BERS/2012/2 [3]. Ir-rakkomandazzjoni timmira li tinċentiva strutturi ta' finanzjament sostenibbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu.

(2) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tar-Rakkomandazzjoni BERS/2012/2, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali (minn hawn 'il quddiem "NSAs"), l-awtoritajiet makroprudenzjali nazzjonali u l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) huma meħtieġa jieħdu ċerti azzjonijiet fi ħdan il-limiti ta' żmien stabbiliti fit-taqsima 2(3) tagħha.

(3) Fil-31 ta' Diċembru 2013, il-Bord Ġenerali ddeċieda li jestendi dawn il-limiti ta' żmien bejn sitt xhur u tnax-il xahar. Skont l-iskeda ta' żmien riveduta, NSAs b'responsabbiltà għas-superviżjoni bankarja, u NSAs u awtoritajiet oħrajn b'mandat makroprudenzjali huma mitlubin jibagħtu lill-BERS rapport interim li jinkludi l-ewwel valutazzjoni tar-riżultati tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet A(1), (2) u (3) tat-30 ta' Ġunju 2015 u rapport finali sal-31 ta' Jannar 2016. L-EBA għandha twassal l-ewwel rapport ta' monitoraġġ dwar ir-Rakkomandazzjoni A(5) sat-30 ta' Ġunju 2015 u rapport finali sat-30 ta' Settembru 2015. Madankollu, xi destinatarji ddikjaraw li mhux se jkun possibbli li jikkonformaw b'mod sħiħ mal-limiti ta' żmien speċifikati.

(4) L-għan globali tal-BERS huwa li jimpedixxi jew itaffi r-riskji sistemiċi f'waqtu u u b'mod effettiv. Il-Bord Ġenerali jqis li dewmien ulterjuri ta' sitt xhur fl-ewwel rapport ta' monitoraġġ mill-NSAs fuq ir-Rakkomandazzjonijiet A(1), (2) u (3) u dewmien ulterjuri ta' disa' xhur fl-ewwel rapport ta' monitoraġġ mill-EBA fuq ir-Rakkomandazzjoni A(5) ma jimminawx il-funzjonament tajjeb tas-swieq finanzjarji, u lanqas jimplikaw li dawk ir-rakkomandazzjonijiet se jibqgħu mhux implimentati.

(5) Għalhekk, il-Bord Ġenerali ddeċida li jestendi l-limiti ta' żmien stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni BERS/2012/2 fir-rigward tar-Rakkomandazzjonijiet A(1), (2), (3) b'sitt xhur u fir-rigward ta' A(5) b'disa' xhur sabiex jipprovdi lill-NSAs u lill-EBA l-ħin xieraq biex jieħdu l-passi meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet relevanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Rakkomandazzjoni BERS/2012/2**

Ir-Rakkomandazzjoni BERS/2012/2 hija emendata kif ġej:

1. it-taqsima 2(3)(1) hija mibdula kif ġej:

[1] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.
[2] ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.
[3] Rakkomandazzjoni BERS/2012/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU C 119, 25.4.2013, p. 1).

"1. *Rakkomandazzjoni A* — L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali b'responsabbiltà għas-superviżjoni bankarja, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u awtoritajiet oħrajn b'mandat makroprudenzjali, u l-EBA huma mitluba li jirrappurtaw skont din l-iskeda ta' żmien:

(a) sal-31 ta' Diċembru 2015, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali b'responsabbiltà għas-superviżjoni bankarja huma mitlubin li jippreżentaw lill-BERS rapport interim li fih ikun hemm l-ewwel valutazzjoni tar-riżultat tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet A(1) u (2);

(b) sal-31 ta' Lulju 2016, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali b'responsabbiltà għas-superviżjoni bankarja huma mitlubin li jippreżentaw rapport finali dwar ir-Rakkomandazzjonijiet A(1) u (2) lill-BERS u lill-Kunsill;

(c) sal-31 ta' Diċembru 2015, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u awtoritajiet oħrajn b'mandat makroprudenzjali huma mitlubin li jippreżentaw lill-BERS rapport interim li fih ikun hemm l-ewwel valutazzjoni tar-riżultat tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni A(3);

(d) sat-30 ta' Settembru 2016, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u awtoritajiet oħrajn b'mandat makroprudenzjali huma mitlubin li jippreżentaw rapport finali dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni A(3) lill-BERS u lill-Kunsill;

(e) sat-30 ta' Ġunju 2014, l-EBA hija mitluba li tippreżenta l-linji gwida li hemm referenza għalihom fir-Rakkomandazzjoni A(4) lill-BERS u lill-Kunsill;

(f) sal-31 ta' Marzu 2016, l-EBA hija mitluba li tippreżenta lill-BERS rapport interim li fih ikun hemm l-ewwel valutazzjoni tar-riżultat tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni A(5);

(g) sat-30 ta' Ġunju 2016, l-EBA hija mitluba li tippreżenta rapport finali dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni A(5) lill-BERS u lill-Kunsill.";

2. fl-Anness, il-punt V.1.3.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"V.1.3.1. Skeda ta' żmien

L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali responsabbli għas-superviżjoni bankarja, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u awtoritajiet oħrajn b'mandat makroprudenzjali kif ukoll l-EBA huma mitlubin jibagħtu rapport lill-BERS u lill-Kunsill dwar l-azzjonijiet li jkunu ttieħdu bi tweġiba għal din ir-Rakkomandazzjoni, jew għandhom jiġġustifikaw kif jixraq in-nuqqas ta' azzjoni, skont l-iskeda li ġejja:

a. sal-31 ta' Diċembru 2015, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali responsabbli għas-superviżjoni bankarja huma mitlubin jibagħtu rapport interim lill-BERS li jkun fih l-ewwel valutazzjoni dwar ir-riżultat tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet A(1) u (2);

b. sal-31 ta' Lulju 2016, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali responsabbli għas-superviżjoni bankarja huma mitlubin jibagħtu rapport finali dwar ir-Rakkomandazzjonijiet A(1) u (2) lill-BERS u lill-Kunsill;

c. sal-31 ta' Diċembru 2015, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u awtoritajiet oħrajn b'mandat makroprudenzjali huma mitlubin jibagħtu rapport interim lill-BERS li jkun fih l-ewwel valutazzjoni dwar ir-riżultat tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni A(3);

d. sat-30 ta' Settembru 2016, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u awtoritajiet oħra b'mandat makroprudenzjali huma mitlubin jibagħtu rapport finali dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni A(3) lill-BERS u lill-Kunsill;

e. sat-30 ta' Ġunju 2014, l-EBA hija mitluba tibgħat il-linji gwida msemmija fir-Rakkomandazzjoni A(4) lill-BERS u lill-Kunsill;

f. sal-31 ta' Marzu 2016, l-EBA hija mitluba tibgħat rapport interim lill-BERS li jkun fih l-ewwel valutazzjoni dwar ir-riżultat tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni A(5);

g. sat-30 ta' Ġunju 2016, l-EBA hija mitluba tibgħat rapport finali dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni A(5) lill-BERS u lill-Kunsill.".

*Artikolu 2*

**Pubblikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-sit web tal-BERS fid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-approvazzjoni tagħha.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-16 ta' Settembru 2014.

*Il-President tal-BERS*

Mario DRAGHI